MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 475/2010

**Nutar Dr Carmelo Lia (ID-206532M) u martu
Margaret Lia (ID-182138M)**

**vs**

**Claudio Cassar u martu
Laura Cassar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi ddikjaraw illi jikru lill-konvenuti fond adebit bhala hanut, bl-isem 'Happy Paws Charity Shop', Triq il-Qaliet, Marsascala, bil-kera ta' Ewro hamest elef tmien mija u wiehed u hamsin u erbghin centezmu (€5,851.40c) fis-sena u dan jithallas bit-tliet xhur bil-quddiem. Il-konvenuti, mitluba mill-atturi biex ihallsu, naqsu li jhallsu zewg skadenzi konsekuttivi, jigifieri mill-1 ta' Dicembru 2009 sa 28 ta' Frar 2010 li jigu elf erba' mija u tnejn u sittin Ewro u hamsa u tmenin

centezmu (€1,462.85c) u mill-1 ta' Marzu, 2010 sa 31 ta' Mejju, 2010 li jigu elf erba' mija u tnejn u sittin Ewro u hamsa u tmenin centezmu €1,462.85c. Is-somma dovuta u mitluba elfejn disa' mija u hamsa ghoxrin Ewro u sebghin centezmu (€ 2,925.70c).

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenuti, li permezz taghha eccepew illi (1) it-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt f'dak li jirrigwarda l-iskadena mill-1/12/2009 sat-28/2/2010, peress li dawn thallsu diga mill-konvenut; (2) Fir-rigward tal-iskadenza l-ohra mitluba mill-1 ta' Marzu, 2010 sal-31 ta' Mejju, 2010 il-konvenut offriha lill-attur izda dan irrifjutaha ghal raguni mhux valida fil-ligi. Ghaldaqstant il-konvenut m'ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-procedura.

Ra l-verbal tas-seduta tat-23 ta' Settembru, 2010, fejn gie dikjarat li gie mwettaq parti mill-hlas dovut mill-konvenuti, u ghalhekk it-talba kienet ser tigi ridotta, u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti giet irtirata.

Ra n-nota tal-atturi datata 23 ta' Novembru 2011, li permezz taghha t-talba tal-atturi giet ridotta elf erba' mija u tnejn u sittin Ewro u hamsa u tmenin centezmu b'(€1,462.85c).

Semgha x-xhieda tal-partijiet u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha li gew esebiti minnhom.

Ikkunsidra,

Illi l-konvenuti ddikjaraw illi huma jikru fond gewwa Marsascala minghand l-atturi, u li ilhom jikru dan il-fond ghal madwar ghoxrin (20) sena. Illi l-kera tithallas kull tliet (3) xhur bil-quddiem. Illi l-iskadenza kera li hija l-mertu ta' din il-kawza hija ghall-perjodu bejn l-1 ta' Dicembru, 2009 sat-28 ta' Frar 2010. Illi l-kawza kienet giet proposta ghal skadenza kera ohra, u cioe' dik sussegwenti ta' bejn l-1 ta' Marzu, 2010 sal-31 ta' Mejju, 2010, izda l-atturi rcivew il-kera ghal dan il-perjodu fil-mori tal-kawza, u ghalhekk it-talba ghall-hlas ghal din l-iskadenza giet irtirata minnhom.

Illi mid-deposizzjoni li nghatat mill-konvenuti rrizulta illi l-hlas tal-kera kien isir regolarment hafna, anke minhabba l-fatt illi l-attur kien imur personalment ghand il-konvenuti sabiex ifakkarhom li l-kera kien dovut, u sabiex jigbor tali hlas. Illi ricevuti ghall-hlas ma kienux jinghataw, ghalkemm, il-konvenuti jghidu li kienu jhallsu permezz ta’ cheque.

Illi l-konvenuti xehdu illi in rigward tal-iskadenza bejn l-1 ta’ Settembru, 2009 sat-30 ta’ Novembru, 2009, kienu hallsu din l-iskadenza permezz ta’ cheque, u peress illi kienet inqalghet xi diffikolta’ mal-Bank u c-cheque ma kienx ser jigi onorat, il-konvenuti gharrfu lill-attur dwar dan, u talbuh sabiex irodd ic-cheque lura, u huma jhallsu dik l-iskadenza fi flus kontanti. Illi hekk gara, u meta l-attur ircieva l-hlas, hu ta ricevuta lill-konvenuti, kopja ta’ liema ricevuta tinsab esebita a fol. 12 tal-atti. Illi din ir-ricevuta hija datata 30 ta’ Novembru, 2009. Illi l-iskadenza indikata f’din ir-ricevuta hija ghall-perjodu bejn l-1 ta’ Settembru, 2009 sat-30 ta’ Novembru, 2009. Illi sussegwentement, u dan waqt il-mori ta’ din il-kawza, l-atturi accettaw il-kera ghall-iskadenza bejn l-1 ta’ Marzu, 2010 sal-31 ta’ Mejju, 2010, u rrilaxxjaw ricevuta f’dan ir-rigward, li tinsab ezebita a fol. 13 tal-atti.

Illi l-konvenuta xehdet illi l-iskadenza ta’ bejn l-1 ta’ Dicembru ,2009 sat-28 ta’ Frar, 2010 thallsu lill-atturi fi flus kontanti, izda ma nghatawx ricevuta minghand l-atturi ghal dan il-pagament. L-istess konvenuta ddikjarat illi fi Frar 2010 l-attur fakkarha illi kienet ghadha dovuta dik l-iskadenza, oltre wahda gdida bejn l-1 ta’ Marzu 2010 sal-31 ta’ Mejju 2010, izda l-konvenuta rrifjutat li thallas dik il-kera li kienet dovuta f’Dicembru 2009, ghaliex kienet ‘gia hallsitha. Kien f’dan l-istadju illi l-atturi ma accettawx il-kera ghall-iskadenza li kien imiss, u cioe’ dik li tibda fl-1 ta’ Marzu 2010.

Illi hu l-konvenut, Giovanni Cassar, ikkonferma illi l-hlas tal-iskadenza ta’ bejn l-1 ta’ Settembru 2009 sat-30 ta’ Novembru 2009 hallasha hu personalment lill-attur, u dan fuq inkarigu tal-konvenut, u liema hlas sar fi flus kontanti.

Qal ukoll illi dan il-hlas wettqu f'Settembru stess, ghaliex jiftakar li kienet ghadha ma bdietx l-iskola. Jghid ukoll illi ghalkemm hallas fi flus kontanti, hu ma nghatax ricevuta minghand l-attur tal-pagament li kien wettaq.

Illi l-attur isostni illi c-cheque li bih thallset l-iskadenza tal-1 ta' Settembru 2009 ma ssarrafx, u kellu joqghod ifakkar lill-konvenut illi dik l-iskadenza kera kienet ghadha dovuta, tant illi kien biss f'Novembru 2009 illi l-hlas ghal dik l-iskadenza gie mwettaq, u ghalhekk sa dak iz-zmien kienet dovuta skadenza gdida ta' kera, u cioe' dik ta' bejn l-1 ta' Dicembru 2009 sat-28 ta' Frar 2010. Illi l-kera ta' Settembru thallset fi flus kontanti u kien mar hu l-attur sabiex iwettaq dan il-hlas.

Illi ta' dan il-hlas l-attur ta ricevuta lill-konvenuta; qal ukoll illi wara li ghadda l-1 ta' Dicembru – u ghalhekk kienet dovuta skadenza kera ohra – kien bghat ittra sabiex ifakkarhom dwar il-kera li kien dovut minnhom. Illi l-konvenut kien avvicinah meta rcieva din l-ittra, u qallu li kien 'gia hallsu.

Ikkunsidra,

Illi jidher li hemm qbil bejn il-partijiet illi l-hlas ta' kera dovut mill-konvenuti lill-atturi dejjem thallas regolarment, izda gara li ghall-habta ta' Settembru 2009, il-konvenuti ghamlu xi tibdil fis-sistema bankarja taghhom, u c-cheque li rrilaxxjaw a favur tal-atturi bhala hlas ghall-iskadenza kera ta' bejn l-1 ta' Settembru 2009 sat-30 ta' Novembru 2009, ma giex onorat u ghalhekk ma ssarrafx. Illi ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar dan l-istat ta' fatt, u daqstant iehor m'hemmx kontestazzjoni bejniethom dwar il-fatt illi din l-iskadenza kera imbaghad thallset permezz ta' flus kontanti.

Illi l-fatti li l-partijiet m'humiex qeghdin jaqblu dwarhom huma s-segwenti: Dwar meta fil-fatt thallset din l-iskadenza kera, u jekk thallsitx ukoll l-iskadenza ta' kera li kien imiss, u cioe' dik ta' bejn l-1 ta' Dicembru 2009 sat-28 ta' Frar 2010.

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet irrizulta illi l-kera ghall-iskadenza li tibda fl-1 ta' Settembru 2009 thallset fi flus kontanti, u dan tramite ta' hu l-attur, u cioe' Giovanni Cassar, li fuq inkarigu ta' huh il-konvenut, mar bil-flus ghand l-attur. Dan ix-xhud qal illi tali hlas gie mwettaq f'Settembru, u cert minn dan ghaliex jghid li kienet ghadha ma bdietx l-iskola. Jidher illi dak il-hin li rcieva l-hlas, l-attur ma ta ebda ricevuta lil hu l-konvenut; illi r-ricevuta eventwalment ta lill-konvenuta, u din ir-ricevuta giet rilaxxjatha fit-30 ta' Novembru 2009. Illi f'din ir-ricevuta hemm specifikament indikat il-perjodu lokatizzju li ghalih kien qed isir il-hlas, u cioe' bejn l-1 ta' Settembru 2009 sat-30 ta' Novembru 2009. Jekk il-hlas sarx dakinhar, jew f'data qabel, mhuwiex car; izda, u fi kwalunkwe kaz, mhux ikkontestat bejn il-partijiet illi tali hlas sar, u li l-atturi rcivewh.

Illi l-kontestazzjoni u nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet jirrivolvu madwar l-iskadenza li jmiss, u cioe' dik ta' bejn l-1 ta' Dicembru 2009 sat-28 ta' Frar 2010. Il-konvenuti jsostnu illi huma wettqu l-pagament dovut, u jghidu wkoll illi dan il-pagament sar permezz ta' flus kontanti, u mhux kif isir solitament permezz ta' cheque. Illi t-tezi tal-konvenuti hija fis-sens illi l-atturi qatt ma tawhom ricevuta, qabel dik tal-iskadenza dovuta f'Setembru 2009, u ghalhekk il-fatt illi m'ghandhomx ricevuta ma jfissirx illi dan il-hlas ma sarx. Illi ghalkemm dan jista' jkun minnu, dan it-Tribunal necessarjament irid iwiezen il-provi li tressqu quddiemu sabiex jasal ghall-konkluzjoni tieghu. Illi minkejja tali asserzjoni da parti tal-konvenuti, liema dikjarazzjoni hija kontradetta mill-attur - li jishaq li din l-iskadenza kera ma thallsitx - il-fatti jindikaw mod iehor. Illi ghalkemm il-konvenuti jsostnu illi din l-iskadenza partikolari thallset minnhom, madanakollu, naqsu milli jissostanzjaw sodisfacentement din l-allegazzjoni. Jghidu illi l-hlas sar fi flus kontanti, minghajr ma jindikaw meta sar tali hlas. L-attur, da parti tieghu, iddikjara illi tant din l-iskadenza ma thallsitx illi wara l-1 ta' Dicembru 2009 hu bghatilhom ittra sabiex jitlob il-hlas minghandhom, u meta eventwalment il-konvenuti waslu sabiex ihallsu ghall-iskadenza ta' wara, u cioe' dik ta' bejn l-1 ta' Marzu 2010 sal-31 ta' Mejju 2010, din ma gietx accettata minghand l-

attur, ghaliex kien qed isostni illi kien ghad jonqos l-iskadenza ta' qabel.

Illi mill-assjem tal-provi mressqa mill-partijiet jirrizulta illi inholqot konfuzjoni bejn il-partijiet dwar liema skadenzi kienu thallsu, o meno, meta sar il-pagament bic-cheque li ma giex onorat. Dan l-istat ta' fatt wassal ghal konfuzjoni bejn il-partijiet li spiccaw ma jaqblux bejniethom dwar liema kera kien fil-fatt thallas. Illi jidher li kien hemm relazzjoni ta' fiducja bejn il-partijiet, tant illi l-atturi ma kienux jaghtu ricevuta lill-konvenuti ghall-kera li kienu jhallsu. Madanakollu, jidher ukoll illi l-hlas dejjem kien isir permezz ta' cheque, li jispjega ghalfejn ma kienx hemm daqstant il-htiega ta' ricevuta; dan sakemm il-hlas sar fi flus kontanti, f'liema stadju, l-attur hass il-htiega li jirrilaxxja ricevuta bhala konferma tal-hlas – anke jekk din ir-ricevuta saret xi zmien wara li sar il-hlas. Illi l-konvenuti, da parti taghhom, jekk ma kienux qed jaqblu ma dak imnizzel fir-ricevuta dwar liema skadenza ta' kera kienet qed tithallas, kellhom jigbdu l-attenzjoni tal-attur dwar dan. Daqstant iehor, jekk huma wettqu l-hlas tal-iskadenza kera mertu ta' din il-kawza fi flus kontanti, kellhom jinsistu mal-atturi li tigi rilaxxjata a favur taghhom ricevuta ghal tali hlas.

Fid-dawl tax-xhieda kontradittorja tal-partijiet, u fin-nuqqas ta' provi konkreti illi jindikaw sodisfacentement illi l-iskadenza ta' kera in kwistjoni thallset, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jichad l-eccezzjoni tal-konvenuti, u jilqa' t-talba tal-atturi.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezjoni sollevata mill-konvenuti, jilqa' t-talba tal-atturi, u jordna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' elf erba' mija tnejn u sittin Ewro u hamsa u tmenin centezmu (€1,462.85c), bl-imghax mid-data tal-prezenti.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------